GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari

# Novembru 2024

**Suġġett:** Malti

**Data:** L-4 ta' Novembru 2024

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u tletin minuta)

**Istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet: Taqsima 1,2,3 u 4.**
**Il-kandidati jridu jwiġbuhom KOLLHA skont l-għażla indikata.**
**Il-kandidati huma mħeġġa jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima.**
**Il-marki għal kull mistoqsija jidhru fil-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Taqsima 1: Il-Komponiment** **(35 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb komponiment ta' 350 kelma.

a) L-Isport: Passjoni u Dixxiplina jew Pressjoni u Stress? Iddiskuti.
*jew*
b) Il-misteri u s-sbuħija tal-baħar.

**Taqsima 2: Fehim mill-Qari** **(25 marka)**

Aqra sew dan it-test u wara aħdem it-taħriġ fuqu.

**Fr Hilary: Ħajja ta' Ħidma bla Heda**

Qatt rajt lil Fr Hilary jitnikker xi mkien? Qatt rajt lil dan is-saċerdot mingħajr tbissima fuq wiċċu? Qatt inzertajtu jitlef sabru ma' xi ħadd? Niftakru hekk minn żgħożitu. U għadni nafu hekk sal-lum li qabeż it-tmenin sena.

Meta jien kont editur tal-ġurnal taż-'Żgħażagħ Ħaddiema Nsara', Fr Hilary kien l-editur tal-isport tal-gazzetta. Fil-qasam sportiv kien diġà rabba fama u popolarità kbira minħabba s-suċċessi impressjonanti li kien kiseb fil-futbol bħala kowċ tat-tim ta' Hibernians. L-ingaġġ ta' Fr Hilary mal-ġurnal konna qisnieh bħala kisba important, u dan kienu jixhduh l-eluf ta' qarrejja sportivi li kienu jsegwuna.

Saċerdot żagħżugħ, dejjem għaddej isuq l-iskuter, patri moħħu miftuħ, sportiv eżemplari, mimli żelu u ħeġġa li jtajru n-nar, b'ideat friski, b'inizjattivi li jimmotivaw, bi kliem li jqanqlek u jispirak, u fuq kollox, mogħni b'ħila kbira biex jgħollik f'ħidmietek u fl-impenji tiegħek.

Kull fejn mess u kull fejn ħadem, ma' kull min mess u ma' kull min ħadem, ma damx ma spiċċa bħala punt importanti ta' referenza u karattru indispensabbli. Il-bżulija, id-dħulija, id-dixxiplina ħelwa, is-sens ta' teamwork, l-għożża tal-ogħla valuri Nsara, l-imħabba għaż-żgħażagħ, flimkien mal-kuraġġ u d-determinazzjoni, kienu minn dejjem l-isbaħ kwalitajiet li libbsu l-personalità tiegħu.

Ibda mis-sehem u l-kontribut siewi tiegħu fl-Oratorju tal-Patrijiet Agostinjani f'Ħal Tarxien tul is-snin bikrija tas-saċerdozju tiegħu, u ibqa' sejjer tul medda twila ta' snin mimlijin ħeġġa u ħidma fl-Ordni reliġjuż li jħaddan. Jibqa' msemmi l-aktar fil-qasam sportiv fost iż-żgħażagħ permezz tal-logħba tal-ballun fil-kamp tal-ġurnaliżmu sportiv, fl-istampa mal-'Leħen is-Sewwa', 'Il-Ħaddiem' u, aktar tard, 'Il-Ħajja' u fil-qasam tax-xandir lokali fuq l-istazzjonijiet nazzjonali tar-radju u t-televiżjoni. F'karriera ġurnalistika twila mhux ftit, Fr Hilary kien il-kronista speċjali f'ħames edizzjonijiet tal-Logħob Olimpiku mill-1977 sal-1988. U dak ma kienx kollox, għax bejn l-1970 u l-1994 hu kien ukoll il-korrispondent ewlieni waqt seba' partiti finali tat-Tazza tad-Dinja tal-futbol. Tul dawn it-trażmissjonijiet kollha, Fr Hilary wera li ma kellux biss pinna ġurnalistika tajba, iżda wkoll kien kummentatur sportiv ta' ħila.

Imma jekk sal-1998 Fr Hilary Tagliaferro kien l-aktar magħruf mal-Maltin bħala personalità sportiva, aktar ma t-tielet millennju beda joqrob lejna, aktar beda jinstema' jidwi l-appell tiegħu għall-għajnuna, ħalli sseħħ ħolma ġdida li kien ħolom: it-trasformazzjoni tal-kantina tal-kunvent tal-Patrijiet Agostinjani f'Paceville, f'kappella ta' kenn, ta' paċi, ta' kuraġġ u ta' wens għaż-żgħażagħ li jiffrekwentaw u jmorru jiddevertu f'dik in-naħa ta' Malta.

Biż-żelu tiegħu li f'ħajtu qatt ma naqaslu, bil-kelma persważiva tiegħu, bil-ħafna kuntatti u konoxxenzi li kellu, bis-sens profond ta' ppjanar u organizzazzjoni, b'rieda u determinazzjoni qawwija, imma fuq kollox, bis-sens ta' ottimiżmu li minn dejjem żejnu, Fr Hilary intefa' b'ħiltu,

b’qalbu u b’ħeġġa qawwija għall-proġett li tlesta u beda jiffunzjona taħt l-isem ta’ ‘Fondazzjoni tal-Kappella tal-Millennju’ fis-sena 2000. Dan il-proġett serva bħala, fi kliem il-fundatur stess, ‘oasi ta’ paċi’ għal eluf ta’ nies, l-aktar ġuvintur u xebbiet li kienu tilfu kull tifsira tal-eżistenza tagħhom, kull sens ta’ direzzjoni fiż-żgħożija tagħhom, li kienu bdew jaħbtu jaqtgħu qalbhom minn kollox u minn kulħadd.
Il-ġid enormi li Fr Hilary wettaq u għadu jwettaq permezz tal-Kappella tal-Millennju f’Paceville qatt ma jista’ jitkejjel. Bħalma qatt ma jistgħu jitqiesu l-benefiċċji spiritwali u materjali li ħasdu dawk li b’xi mod messew mal-Kappella meta daħlu fiha.
Tul ħajja twila ta’ ħidma bla heda, Patri Hilary ta kontribut kbir lill-Ordni Agostinjan, lill-Knisja u lil pajjiżna. U, għall-grazzja t’Alla, għadu għaddej sal-lum, żagħżugħ li qabeż it-tmenin!
*(Addattament mill-kitba ta’ P. Spiteri, mill-ktieb ‘Fr Hilary Tagliaferro, Bejn Storja u Miti’ editjat minn S. Grech.)*

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Agħżel l-aħjar deskrizzjoni għall-karattru ta’ Fr Hilary:
   a. kwiet u serju
   b. antikwat u pessimist
   ċ. kuraġġuż u determinat. (marka)

2. Semmi erba’ oqsma li fihom kien involut Fr Hilary. (2 marki)

3. Għaliex taħseb li l-involviment ta’ Fr Hilary fit-taqsima tal-isport tal-gazzetta kien meqjus importanti? (2 marki)

4. Liema taħseb li huma l-karatteristiċi ta’ Fr Hilary, li permezz tagħhom ġibed ħafna nies lejh? Semmi TLIETA minnhom. (3 marki)

5. X’attivitajiet sportivi importanti kellu f’idejh Fr Hilary bħala ġurnalist u kummentatur? (2 marki)

6. Xi proġett wettaq Fr Hilary fil-kunvent tal-Patrijiet Agostinjani f’Paceville, u x’kien l-iskop ta’ dan il-proġett? (2 marki)

7. Għaliex taħseb li l-awtur isejjaħ lil Fr Hilary '**żagħżugħ**' minkejja li għandu aktar minn tmenin sena? (2 marki)

8. Fisser fi kliemek din is-sentenza minn paragrafu tmienja:

   *Bħalma qatt ma jistgħu jitqiesu l-benefiċċji spiritwali u materjali li ħasdu dawk li b’xi mod messew mal-Kappella meta daħlu fiha.* (2 marki)

9. Fr Hilary ta kontribut kbir kemm lill-Knisja kif ukoll lill-pajjiż. Spjega fi kliemek kif għamel dan. (4 marki)

**B. Għarfien il-Lingwa**

1. Agħti **kelma / kliem ieħor** bl-istess tifsira għal dak bil-**grassett** fis-silta ta' hawn taħt. (3 marki)

Kull fejn mess u kull fejn ħadem, ma' kull min mess u ma' kull min ħadem, ma damx ma spiċċa bħala punt importanti ta' referenza u karattru **indispensabbli.** Il-bżulija, id-dħulija, **id-dixxiplina ħelwa**, is-sens ta' teamwork, l-għożża tal-ogħla valuri Nsara, l-imħabba għaż-żgħażagħ, flimkien mal-kuraġġ u d-determinazzjoni, kienu minn dejjem l-isbaħ kwalitajiet li **libbsu l-personalità tiegħu**. (paragrafu 5)

2. Liema **kelma** minn paragrafu 6 għandha din it-tifsira?

a. Bidla kbira.
b. Ħoss li jinstema' bħal eku. (2 marki)

**Taqsima 3: Il-Kitba ta' Rapport** **(20 marka)**
Agħżel titlu minn dawn u ikteb rapport ta' 80 kelma.

a) It-Tlieta li għadda, waqt il-brejk ta' nofsinhar, kollega tiegħek, li kien superviżur miegħek fil-bitħa tal-iskola, intlaqat minn ballun f'rasu u spiċċa ħażin. Il-Kap tal-iskola talbitek tikteb rapport biex tirrapporta dak li seħħ.

*Jew*

b) Fi tmiem il-ġimgħa saret attività suċċess fil-misraħ tar-raħal b'risq il-Fondazzjoni Għin lill-Batut. Din kienet organizzata mis-sottokumitat maħluq mill-Kunsill Lokali, u li int membru fih. Ikteb rapport dwar l-andament tal-attività .

**Taqsima 4: Il-Kitba ta' Ittra** **(20 marka)**
Agħżel titlu minn dawn u ikteb ittra ta' 80 kelma.

a) Ġejt lura mis-safar ma' grupp organizzat mill-aġenzija Malt Tours. L-esperjenza ma kinitx kif xtaqtha minħabba xi nuqqasijiet fit-twettiq tal-programm imħejji. Ikteb lill-amministrazzjoni tal-aġenzija Malt Tours, biex tispjega dak li dejqek u x'qed titlob bħala rimedju għal dak li ma sarx. **Fl-ittra uża dawn id-dettalji**:
ismek: Maria/Mark Tonna,
L-indirizz tiegħek: 18, Triq il-Paċi, l-Iklin, IKL 1071.
L-indirizz tal-Aġenzija: 8, Triq l-Ivvjaġġar, il-Furjana, FRJ 1160.

*Jew*

b) Ikteb ittra lill-ħabib/a tiegħek li ħalla/ħalliet Malta għal esperjenza volontarja fil-missjoni, bħalma għamilt int. Għaddilu/ha xi suġġerimenti ta' x'iżżomm/iżomm f'moħħu/ha, u ġġib/iġib ruħu/ha. **Fl-ittra uża dawn id-dettalji**:
ismek: Maria/Mark,
isem il-ħabib/a: John/Johanna
l-indirizz tiegħek: 7, Triq il-Ktieb, il-Kalkara, KLK 2100.

## TMIEM IL-KARTA